

Brussell, 13 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

15935/22
ADD 2

ELARG 106
COWEB 190
COEST 914

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tkabbir u l-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni
– Dikjarazzjonijiet mill-Istati Membri

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness Dikjarazzjonijiet mill-Bulgarija, l-Ungerija u s-Slovenja, li għandhom jidiedu mal-minuti tal-Kunsill.

Dikjarazzjoni mill-Bulgarija għall-minuti tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali fir-rigward tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tkabbir u l-proċess ta' stabilizzazzjoni u ta' assoċjazzjoni

Il-Bulgarija hija mħassba ħafna dwar l-għadd dejjem jikber ta' inċidenti u attacchi kontra organizzazzjonijiet ta' ċittadini tal-Maċedonja ta' Fuq b'awtoidentifikazzjoni Bulgara, u l-fatt li l-investigazzjonijiet mhumiex segwiti kif suppost u ma ġiet infurzata l-ebda kundanna effettiva.

F'dan il-kuntest u fir-rigward tal-paragrafu 59 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill, aħna nifhmu li r-referenza għall-ħtieġa li l-Maċedonja ta' Fuq tkompli bl-isforzi tagħha biex tkompli ssaħħa id-drittijiet fundamentali tinkludi, fost l-oħrajn, il-ħtieġa li l-investigazzjonijiet u l-kundanni fir-rigward ta' delitti mmotivati mill-mibegħda jiġu segwiti b'mod attiv.

Il-Bulgarija ser issegwi mill-qrib din il-kwistjoni fil-kuntest tal-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, li huma l-punti ta' riferiment ewlenin għall-valutazzjoni tal-progress lejn is-sħubija mal-UE.

* * *

Dikjarazzjoni mill-Ungerija dwar l-interpretazzjoni tal-ġestjoni tal-migrazzjoni

B'kont meħud li l-flussi migratorji illegali huma relatati mill-qrib ma' diversi forom ta' kriminalità organizzata, li huma ta' theddida għall-pajjiżi kollha u jeħtieġu approċċ komprensiv fl-indirizzar tal-flussi migratorji, l-Ungerija ssostni li l-ġestjoni tal-migrazzjoni għandha tinftiehem bħala it-trażżin tal-flussi mħallta ta' migrazzjoni fil-kuntest tal-Artikolu 79(1) TFUE, jiġifieri biss b'rispett sħiħ tal-oġettiv, minqux fih, għall-prevenzjoni ta', u miżuri msaħħa għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali, kif ukoll id-dritt tal-Istati Membri kif stipulat fl-Artikolu 79(5) TFUE, li skontu d-dritt tal-Istati Membri li jiddeterminaw il-volumi ta' ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ma għandux jiġi affettwat. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-politika ġenerali tal-Ungerija li għandha l-għan li tillimita l-migrazzjoni illegali minflok ma tiġġestixxi l-fenomenu.

* * *

Dikjarazzjoni tar-Repubblika tas-Slovenja għall-Konklużjonijiet dwar it-Tkabbir u l-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni

Is-Slovenja tenfasizza l-appoġġ sħiħ tagħha għar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-12 ta' Ottubru 2022, biex il-Bożnija-Herzegovina tingħata l-istatus ta' kandidat u tixtieq tfakkar fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23-24 ta' Ġunju 2022 dwar din il-kwistjoni. F'dan ir-rigward, is-Slovenja tista' taqbel mal-paragrafu 78 tal-Konklużjonijiet dwar it-Tkabbir u l-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni bl-intendiment li l-istatus ta' pajjiż kandidat ser jingħata lill-Bożnija-Herzegovina fil-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2022.
